



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 7.4.2016
COM(2016) 185 final

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni
(applikazzjoni minn Franza – EGF/2015/010 FR/MoryGlobal)**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

1. Ir-regoli applikabbli għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) huma stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006¹ (ir-“Regolament tal-FEG”).
2. Fid-19 ta' Diċembru 2015, Franza ressqet l-applikazzjoni EGF/2015/010 FR/MoryGlobal għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, wara li ngħataw xi sensji² mill-MoryGlobal SAS fi Franza.
3. Wara li vvalutat din l-applikazzjoni u b'konformità mad-dispożizzjonijiet kollha applikabbli tar-Regolament tal-FEG, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG huma ssodisfati.

SOMMARJU TAL-APPLIKAZZJONI

L-applikazzjoni tal-FEG	EGF/2015/010 FR/MoryGlobal
Stat Membru	Franza
Ir-reġjuni kkonċernati (il-livell NUTS 2 ³)	Is-sensji ngħataw madwar Franza kollha. Intlaqtu 54 sit differenti.
Id-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni	Id-19 ta' Novembru 2015
Id-data tal-konferma tal-wasla tal-applikazzjoni	L-1 ta' Diċembru 2015
Id-data tat-talba għal informazzjoni addizzjonali	It-3 ta' Diċembru 2015
Id-data ta' skadenza għall-għoti tal-informazzjoni addizzjonali	L-14 ta' Jannar 2016
Id-data ta' skadenza għat-tlestija tal-valutazzjoni	Is-7 ta' April 2016
Il-kriterju għall-intervent	L-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament tal-FEG
L-intrapriża ewlenija	MoryGlobal SAS
L-għadd ta' intrapriżi kkonċernati	1
Is-setturi tal-attività ekonomika (It-Taqsima tal-NACE Reviżjoni 2) ⁴	It-Taqsima 49 (It-trasportazzjoni fuq l-art u t-trasportazzjoni permezz ta' pipelines) u It-Taqsima 52 (Il-ħżin u l-attivitàjiet ta' appoġġ għat-trasportazzjoni)

¹ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 855.

² Skont it-tifsira tal-Artikolu 3 tar-Regolament tal-FEG.

³ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1046/2012 tat-8 ta' Novembru 2012 li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS), fejn tidħol it-trasmissjoni tas-serje kronoloġiċi għat-tqassim reġjonali l-ġdid (ĠU L 310, 9.11.2012, p. 34).

⁴ ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1.

L-għadd ta' sussidjarji, fornituri u produtturi fl-istadju aħħari tal-produzzjoni	0
Il-perjodu ta' referenza (erba' xhur):	Mis-27 ta' April 2015 sas-27 ta' Awwissu 2015
L-għadd ta' sensji tul il-perjodu ta' referenza (a)	2 093
L-għadd ta' sensji qabel u wara l-perjodu ta' referenza (b)	39
L-għadd totali ta' sensji (a + b)	2 132
L-għadd totali ta' benefiċjarji eliġibbli	2 132
L-għadd totali ta' benefiċjarji fil-mira	2 132
L-għadd ta' żgħażagħ fil-mira barra mill-edukazzjoni, mill-impjieġ jew mit-taħriġ (NEETs)	0
Il-baġit għas-servizzi personalizzati (f'EUR)	8 528 000
Il-baġit għall-implimentazzjoni tal-FEG ⁵ (f'EUR)	50 000
Baġit totali (f'EUR)	8 578 000
Kontribuzzjoni mill-FEG (60 %) (f'EUR)	5 146 800

VALUTAZZJONI TAL-APPLIKAZZJONI

Il-proċedura

4. Fid-19 ta' Novembru 2015, Franza ressqet l-applikazzjoni EGF/2015/010 FR/MoryGlobal fit-12-il ġimgħa mid-data li fiha l-kriterji għall-intervent stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament tal-FEG ġew issodisfati. Il-Kummissjoni rrikonoxxiet il-wasla tal-applikazzjoni fl-1 ta' Diċembru 2015 u talbet informazzjoni addizzjonali mingħand Franza fit-3 ta' Diċembru 2015, qabel għalqu l-ġimagħtejn mid-data tat-tressiq tal-applikazzjoni. Din l-informazzjoni addizzjonali nġhatat fi żmien sitt ġimgħat. Il-perjodu ta' 12-il ġimgħa wara l-wasla tal-applikazzjoni mimlija, li matulu l-Kummissjoni għandha tlesti l-valutazzjoni tagħha tal-konformità tal-applikazzjoni mal-kundizzjonijiet għall-ġhoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja, jiskadi fis-7 ta' April 2016.

L-eliġibbiltà tal-applikazzjoni

L-intrapriżi u l-benefiċjarji kkonċernati

5. L-applikazzjoni tikkonċerna 2 132 ħaddiem li nġhataw is-sensja minn MoryGlobal SAS. Din l-intrapriża kienet taħdem l-iżjed fis-settur ekonomiku li hu kklassifikat fit-Taqsima 49 tar-Reviżjoni 2 tal-NACE (It-trasportazzjoni fuq l-art u t-trasportazzjoni permezz ta' pipelines) kif ukoll fit-Taqsima 52 tar-Reviżjoni 2 tal-NACE (Il-ħżin u l-attivitajiet ta' appoġġ għat-trasportazzjoni). Is-sensji li tat MoryGlobal SAS saru madwar Franza kontinentali kollha. Il-postijiet bl-ogħla għadd ta' sensji qeġhdin fir-reġjuni li jidhru hawn taħt tat-tieni livell tal-NUTS:

⁵ Skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013.

Reġjuni tat-tieni livell tal-NUTS	Ħaddiema	%
Ċentru (FR24)	336	16
Ile-de-France (FR10)	242	11
Rhône-Alpes (FR71)	199	9
Pays-de-la-Loire (FR51)	178	8
Lorraine (FR41)	146	7
Alsace (FR42)	140	7

Il-kriterji għall-intervent

6. Franza ppreżentat l-applikazzjoni skont il-kriterji għall-intervent tal-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament tal-FEG, li jtlab li tal-inqas 500 ħaddiem ikunu ngħataw is-sensja matul perjodu ta' referenza ta' erba' xhur f'intrapriża ta' Stat Membru, inklużi l-ħaddiema li ngħataw is-sensja mill-fornituri u mill-produtturi fl-istadju aħħari tal-produzzjoni u/jew il-persuni li jaħdmu għal rashom u li l-attività tagħhom tkun waqfet.
7. Il-perjodu ta' referenza ta' erba' xhur għall-applikazzjoni huwa mis-27 ta' April 2015 sas-27 ta' Awwissu 2015. Matul il-perjodu ta' referenza, 2 093 ħaddiem ingħataw is-sensja minn MoryGlobal.

Il-kalkolu tas-sensji u tal-waqfien tal-attività

8. Is-sensji kollha tul il-perjodu ta' referenza ġew ikkalkulati mid-data tan-notifika individwali tal-impjegatur dwar it-tkeċċija jew it-terminazzjoni tal-kuntratt tal-impjieg tal-ħaddiema.

Il-benefiċjarji eliġibbli

9. Barra minn dawk il-ħaddiema li diġà ssem mew, il-benefiċjarji eliġibbli jinkludu 39 ħaddiem. Dawn il-ħaddiema kollha ngħataw is-sensja wara li kien spiċċa l-perjodu ta' referenza, u tista' tiġi stabbilita rabta ta' kawżalità ċara mal-avveniment li skatta s-sensji waqt il-perjodu ta' referenza.
10. L-għadd totali ta' benefiċjarji eliġibbli huwa 2 132.

Ir-rabta bejn is-sensji u l-kriżi finanzjarja u ekonomika dinjija indirizzata fir-Regolament (KE) Nru 546/2009

11. Biex tiġi stabbilita r-rabta bejn is-sensji u l-kriżi finanzjarja u ekonomika dinjija indirizzata fir-Regolament (KE) Nru 546/2009, Franza ssostni li MoryGlobal kienet attiva fl-oqsma tas-servizzi tal-kurriera, tat-trasport u d-dispaċċ tal-merkanzija, tal-ħżin u tal-kiri ta' materjali relatati, u li kienet tippovdi dawn is-servizzi kemm fi Franza kif ukoll barra mill-pajjiż.
12. Minħabba l-kriżi globali finanzjarja u ekonomika, it-trasportazzjoni tal-merkanzija bit-triq f'vetturi li jiżnu aktar minn 3,5 tunnellata naqas bi 13,7 % fl-UE u b'21 % fi Franza bejn l-2007 u l-2012 (il-Eurostat). Dan it-tnaqqis isegwi t-tnaqqis ġenerali tal-produzzjoni fiżika fl-Ewropa, u s-settur tat-trasportazzjoni bit-triq fl-Ewropa għadu

ma rkuprax mit-tnaqqis kbir tal-attività li ġarrab fl-2009 minħabba l-kriżi ekonomika. Fl-2014, l-attività tat-trasportazzjoni tal-merkanzija bit-triq kienet għadha 10% inqas milli kienet qabel il-kriżi.

13. Minħabba t-tnaqqis fil-volum ittrasportat, faqqgħet taqtigħa tal-prezzijiet fi ħdan is-settur, u ż-żidiet fl-ispejjeż bħall-petrol, il-pagi, u l-materjali xejn ma għenu; dan wassal għal deterjorament kostanti fil-marġnijiet tal-operazzjoni u għal telf wara telf għas-settur fi Franza mill-2007.
14. Wara dan, is-settur tat-trasport tal-merkanzija bit-triq ġarrab mewġa ta' fallimenti, li l-Bank ta' Franza jistma li żdiedu b'35 % kull sena meta wieħed iqabbel l-2013 mal-2007.
15. Sal-lum, is-settur tat-trasportazzjoni fuq l-art u permezz tal-pipelines kien soġġett għal tliet applikazzjonijiet għall-FEG: din li qed tissemma, l-applikazzjoni EGF/2014/017 FR/ Mory-Ducros⁶, u l-applikazzjoni EGF/2011/001 AT/ Nieder- und Oberoesterreich⁷, kollha bbażati fuq il-kriżi finanzjarja u ekonomika dinjija.

L-avvenimenti li wasslu għas-sensji u għall-waqfien tal-attività

16. L-avvenimenti li wasslu għas-sensji huma l-falliment u l-għeluq tal-kumpanija.
17. Id-diffikultajiet attwali ta' MoryGlobal tnisssu fis-snin 2012 u 2013. Dak iż-żmien din l-intrapriża kellha l-isem Mory-Ducros. Mory-Ducros iddikjarat l-insolvenza f'Novembru tal-2013 u bdiet il-proċeduri tal-likwidazzjoni. Billi ma kienx hemm min irid jixtri l-intrapriża, u fuq talba tal-awtoritajiet Franċiżi, waħda mill-azzjonisti ta' Mory-Ducros, Arcole Industrie, ippreżentat offerta biex tixtri lil Mory-Ducros f'isem MoryGlobal, kumpanija ġdida li kienet se tinħoloq bil-għan li tixtri xi negozji ta' Mory-Ducros u timpjega mill-ġdid uħud mill-ħaddiema tagħha (2 192 ħaddiem minn fost l-4 911)⁸.
18. Mill-bidu nett tagħha, il-MoryGlobal kellha tiffaċċja l-isfidi li baqgħu għaddejjin, bħad-deterjorament tas-suq tal-messaġġi flimkien mat-tnaqqis fil-volum ta' trasportazzjoni bit-triq ta' bejn 3% u 5% fl-2014. Dawn wasslu għal pressjoni permanenti fuq il-prezzijiet u ħolqu ambjent soċjali diffiċli. Dawn l-isfidi wasslu għal telf ta' EUR 27,1 miljun bejn Frar u Settembru tal-2014 u għal previżjoni ta' telf saħansitra ikbar għal tmiem l-2014 (EUR 43 miljun) u fl-aħħar għall-falliment u l-għeluq tal-kumpanija.
19. Fl-10 ta' Novembru 2014, il-qorti kummerċjali ta' Bobigny bdiet proċedura biex tintlaħaq riżoluzzjoni amikabbli mal-kredituri. Fi tmiem Jannar tal-2015, il-MoryGlobal kienet fi stat ta' twaqqif tal-pagamenti. L-intrapriża kienet teħtieġ EUR 8,5 miljun f'kontanti u l-assi attwali tagħha ma kinux biżżejjed biex jintlaħaq l-ammont tal-obbligazzjonijiet ta' terminu qasir, b'mod partikolari lejn is-sottokuntratturi, li mingħajrhom l-attività tal-kumpanija ma setgħetx tkompli. Għaldaqstant, fl-10 ta' Frar 2015, il-MoryGlobal irreġistrat dikjarazzjoni tat-twaqqif tal-pagamenti mal-qorti kummerċjali ta' Bobigny u din tat bidu għall-proċedimenti ġudizzjarji rilevanti. Fis-17 ta' Marzu 2015, billi l-kumpanija ma setgħetx tlaħħaq biex tħallas is-salarji kollha, irreġistrat talba ta' likwidazzjoni. Il-qorti kummerċjali ta' Bobigny ddeċidiet favur il-likwidazzjoni ġudizzjarja bi tkomplija tal-attivitajiet sat-30 ta' April 2015, biex jintlaħqu l-ħtiġijiet tal-proċedura tas-sensja kollettiva.

⁶ COM(2015) 68

⁷ COM(2011) 579

⁸ Sors: Id-Deċiżjoni tal-qorti kummerċjali ta' Bobigny dwar il-likwidazzjoni ġudizzjarja tal-MoryGlobal (il-minuta numru 2015L01449).

20. Din hija applikazzjoni ta' segwitu b'appoġġ tal-ħaddiema ta' Mory-Ducros⁹ li ġew ittrasferiti għall-MoryGlobal.

L-impatt mistenni tas-sensji fuq l-ekonomija u l-impjiegi lokali, reġjonali jew nazzjonali

21. Is-sensji ngħataw fi 22 dipartiment madwar Franza kontinentali. Is-sensji għandhom impatt ħażin sinifikanti fuq l-ekonomiji reġjonali, b'mod partikolari minħabba li dawn l-istess territorji għandhom jissieltu biex isolvu l-problema tas-sensji tal-ħaddiema żejda li ngħataw is-sena ta' qabel minn Mory-Ducros. Dan qed jigrigi f'sitwazzjoni fejn il-qgħad qiegħed jiżdied fi Franza kontinentali (fl-2015 ir-rata tal-qgħad kienet tliet punti perċentwali oġhla minn tal-2008, meta bdiet il-kriżi ekonomika u finanzjarja). Barra minn hekk, uħud mir-reġjuni kkonċernati, bħal Nord-Pas de Calais-Picardie (+2,5 punti perċentwali) u Provence-Alpes-Côte d'Azur (+1,5 punti perċentwali)¹⁰, għandhom rati ta' qgħad oġhla mill-medja nazzjonali.

Il-benefiċjarji fil-mira u l-azzjonijiet proposti

Il-benefiċjarji fil-mira

22. Il-ħaddiema żejda li ngħataw is-sensja kollha (2 132) huma mistennija li jieħdu sehem fil-miżuri. It-tqassim ta' dawn skont is-sess, iċ-ċittadinanza u l-età huwa kif ġej:

Kategorija		Għadd ta' benefiċjarji fil-mira	
Sess:	Irġiel:	1 740	(81,6 %)
	Nisa:	392	(18,4 %)
Ċittadinanza:	ċittadini tal-UE:	2 046	(96,0 %)
	mħux ċittadini tal-UE:	86	(4,0 %)
Grupp età:	ta' 15-24 sena:	2	(0,1 %)
	25-29 sena:	453	(21,2 %)
	30-54 sena:	1 268	(59,5 %)
	55-64 sena:	408	(19,1 %)
	iktar minn 64 sena:	1	(0,0 %)

L-eliġibbiltà tal-azzjonijiet proposti

23. L-FEG ikkofinanzja servizzi personalizzati għall-ħaddiema żejda ssensjati li jikkonsistu minn pariri u gwida lil dawn il-ħaddiema mingħand tim ta' konsulenti esperti (*Dispositif d'Accompagnement Renforce – DAR*).
24. Id-DAR qed jingħata flimkien mal-pjan soċjali u mal-*Contrat de Sécurisation Professionnelle (CSP)*. Il-pjan soċjali ffinanzjat minn MoryGlobal u minn AGS¹¹, l-iskema ta' garanzija tal-pagi, jipprovdi lill-ħaddiema firxa ta' miżuri fosthom taħriġ, appoġġ psikoloġiku, għajjuna finanzjarja biex jibdeu negozju, għajjuna finanzjarja

⁹ L-applikazzjoni EGF/2014/017 FR/ Mory-Ducros (COM(2015) 68) b'appoġġ tal-ħaddiema li ngħataw is-sensja minn Mory-Ducros fl-2014.

¹⁰ Sors: Insee (http://www.insee.fr/fr/themes/tableau.asp?reg_id=99&ref_id=TCRD_025)

¹¹ AGS tfisser *Association pour la gestion du régime de Garantie des créances des Salariés*.

għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar ta' kuljum lejn il-post tat-taħriġ jew għal vjaġġi itwal u spejjeż tal-akkomodazzjoni meta dawn jivvjaġġaw għat-taħriġ jew meta jkunu qed ifittxu x-xogħol, u gratifiki waqt it-tfittxija tax-xogħol. Is-CSP joffri firxa ta' miżuri prattiċi (l-ewwel nett it-taħriġ) ifffinanzjati mill-Istat Franċiż biex lill-ħaddiema jgħinuhom jerġgħu jimpjegaw ruħhom.

25. Il-kompitu tat-tliet kuntratturi magħżulin (BPI, Sodie u AFPA Transitions) huwa li jgħinu u jiggwidaw lill-ħaddiema li nġhataw is-sensja u jgħinuhom isibu modi kif ikunu kapaċi jibqgħu fis-suq tax-xogħol u jidħlu f'impjiegi oħra. L-istess kuntratturi diġà kienu bdew jagħtu servizzi personalizzati lill-ħaddiema li nġhataw is-sensja minn Mory-Ducros fl-2014.
26. Għall-iskop ta' bbaġitjar, is-servizzi personalizzati fid-DAR tqassmu fi tliet sottogruppi: is-sessjonijiet informattivi kollettivi u individwali, it-tranżizzjoni minn impjeg għal ieħor, u l-ġhajjnuna biex jinstabu impjiegi ġodda.
27. L-aġenziji għandhom kuntratt biex kull parteċipant (a) jingħata pjan għall-karriera personalizzat, (b) ikollu biżżejjed offerti ta' impjeg, (c) ikun jista' jikkonsulta ma' esperti ġenerali u/jew esperti speċjalizzati fil-ħolqien tal-intrapriżi, li jkollhom għarfien eċċellenti tas-suq tal-impjiegi fir-reġjun u li jkunu disponibbli u reattivi.
28. L-aġenziji se jipprovdu sessjonijiet ta' taħriġ fil-kompetenzi ġenerali (eż. it-tnejjija tas-CV, it-tnejjija għall-intervista, il-ħiliet tat-tiftix tax-xogħol u l-ħolqien ta' negozju), taħriġ fl-użu tal-internet, fieri tal-impjiegi u laqgħat ma' persuni li jipprovdu x-xogħol jew rappreżentanti tas-settur, u laqgħat ma' istituzzjonijiet tat-taħriġ.
29. L-azzjonijiet proposti deskritti hawnhekk jikkostitwixxu miżuri attivi tas-suq tax-xogħol fil-qafas tal-azzjonijiet eliġibbli stabbiliti fl-Artikolu 7 tar-Regolament tal-FEG. Dawn l-azzjonijiet ma jissostitwixxux miżuri passivi ta' protezzjoni soċjali.
30. Franza pprovdi l-informazzjoni meħtieġa dwar l-azzjonijiet li huma obbligatorji għall-intrapriża kkonċernata b'konformità mal-liġi nazzjonali jew skont ftehimiet kollettivi. Huma kkonfermaw li kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG ma tissostitwixxix dawn l-azzjonijiet.

Il-baġit stmat

31. L-ispejjeż totali stmati huma EUR 8 578 000, li jinkludu n-nefqa ta' EUR 8 528 000 fuq is-servizzi personalizzati u n-nefqa ta' EUR 50 000 fuq attivitajiet ta' tnejjija, ġestjoni, informazzjoni u pubbliċità, kontroll u rappurtar.
32. Il-kontribuzzjoni finanzjarja totali mitluba mill-FEG hija EUR 5 146 800 (60 % tal-ispejjeż totali).

Azzjonijiet	Għadd stmat ta' parteċipanti	Nefqa stmata għal kull parteċipant (f'EUR)	Spejjeż totali stmati (f'EUR)
Servizzi personalizzati (Azzjonijiet skont l-Artikolu 7(1)(a) u (c) tar-Regolament tal-FEG)			
Sessjonijiet informattivi kollettivi u individwali (<i>Information collective e individuelle des salariés</i>)	2 132	800	1 705 600
It-tranżizzjoni għal impjegi oħra: ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni tal-ħiliet, proġett vokazzjonali (<i>Transition professionnelle: adhésion, bilan, project</i>)	2 132	1 800	3 837 600
L-għajjnuna biex jinstabu impjegi ġodda (<i>Phase accompagnement et reclassement</i>)	2 132	1 400	2 984 800
Sottotal (a): Persentaġġ tal-pakkett ta' servizzi personalizzati		–	8 528 000 (100 %)
Gratifikati u inċentivi (Azzjonijiet skont l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament tal-FEG)			
Sottotal (b): Persentaġġ tal-pakkett ta' servizzi personalizzati:		–	0 (0,00 %)
Azzjonijiet skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament tal-FEG			
1. Attivitàjiet ta' tħejjija		–	0
2. Ġestjoni		–	0
3. Informazzjoni u pubbliċità		–	0
4. Kontroll u rappurtar		–	50 000
Sottotal (c): Persentaġġ tal-ispejjeż totali:		–	50 000 (0,58 %)
L-ispejjeż totali (a + b + c):		–	8 578 000
Kontribuzzjoni mill-FEG (60 % tal-ispejjeż totali)		–	5 146 800

33. Ma hemmx spejjeż identifikati fit-tabella ta' hawn fuq bħala azzjonijiet skont l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament tal-FEG (jiġifieri azzjonijiet li l-ispejjeż fuqhom ma għandhomx jaqbu l-35 % tal-ispejjeż totali tal-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati).

Perjodu ta' eliġibbiltà tan-nefqa

34. Franza bdiet tippovdi s-servizzi personalizzati lill-benefiċjarji fil-mira fit-23 ta' April 2015. Għaldaqstant, in-nefqa fuq dawn l-azzjonijiet għandha tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mit-23 ta' April 2015 sad-19 ta' Novembru 2017.

35. Franza bdiet iġġarrab in-nefqa amministrattiva biex timplimenta l-FEG fl-1 ta' Settembru 2015. Għalhekk, in-nefqa fuq l-attivitajiet ta' thejjiġa, ġestjoni, informazzjoni u pubbliċità, kontroll u rappurtar għandha tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mill-1 ta' Settembru 2015 sad-19 ta' Mejju 2018.

Komplimentarjetà ma' azzjonijiet iffinanzjati minn fondi nazzjonali jew tal-Unjoni

36. Is-sors ta' prefinanzjament jew ta' kofinanzjament nazzjonali huwa l-baġit tal-Ministeru tax-Xogħol, l-Impjiegi, it-Taħriġ Vokazzjonali u d-Djalogu Soċjali bl-użu tal-linja baġitarja għall-akkumpanjament tal-bidla ekonomika u l-iżvilupp tal-impjiegi.
37. Franza kkonfermat li l-miżura deskritta hawn fuq, li tirċievi kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, mhix se tirċievi wkoll kontribuzzjonijiet finanzjarji minn strumenti finanzjarji oħrajn tal-Unjoni.

Il-proċeduri għall-konsultazzjoni mal-benefiċjarji fil-mira jew mar-rappreżentanti tagħhom, jew mas-sħab soċjali, kif ukoll mal-awtoritajiet lokali u reġjonali

38. Franza indikat li l-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati tfassal b'konsultazzjoni mar-rappreżentanti tal-benefiċjarji fil-mira u mas-sħab soċjali. Saru diversi laqgħat bejn is-7 u s-17 ta' April 2015. Dawn il-laqgħat kienu jikkonċernaw il-pakkett sħiħ ta' miżuri, li minnhom l-aspett tal-FEG (*Dispositif d'Accompagnement Renforcé — DAS*) huwa parti waħda.

Sistemi tal-ġestjoni u l-kontroll

39. L-applikazzjoni tinkludi deskrizzjoni tas-sistema tal-ġestjoni u l-kontroll li tispeċifika r-responsabbiltajiet tal-korpi involuti. Franza infurmat lill-Kummissjoni li l-kontribuzzjoni finanzjarja se tkun ġestita mid-*Délégation générale à l'emploi et à la formation professionnelle (DGEFP)* tal-Ministeru tax-Xogħol, tal-Impjiegi, tat-Taħriġ Vokazzjonali u tad-Djalogu Soċjali, b'mod partikolari mill-unità *Fonds national de l'emploi (DGEFP - FNE)*. Il-pagamenti se jingħataw fl-iskema tad-DGEFP mill-unità *Affaires financières (DGEFP - MAFI)*. Iċ-ċertifikazzjoni se titwettaq mill-*Agence de services et de paiement (ASP)*.

L-impenji mogħtija mill-Istat Membru kkonċernat

40. Franza pprovdiet l-assigurazzjonijiet kollha meħtieġa fir-rigward ta' dawn li ġejjin:
- il-prinċipji tal-ugwaljanza tat-trattament u tan-nondiskriminazzjoni se jiġu rispettati fil-kuntest tal-aċċess għall-azzjonijiet proposti u fl-implimentazzjoni tagħhom,
 - inżammet il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE dwar is-sensji kollettivi,
 - l-azzjonijiet proposti mhumiex se jirċievu appoġġ finanzjarju minn fondi jew strumenti finanzjarji oħrajn tal-Unjoni, u se jkun evitat kull finanzjament doppju,
 - l-azzjonijiet proposti se jikkomplementaw l-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali,
 - il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG se tkun konformi mar-regoli proċedurali u materjali tal-Unjoni dwar l-ghajjnuna mill-Istat.

L-IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-proposta baġitarja

41. L-FEG ma għandux jaqbeż ammont annwali massimu ta' EUR 150 miljun (prezzijiet tal-2011), kif stipulat fl-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jstabilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020¹².
42. Wara li eżaminat l-applikazzjoni fir-rigward tal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament tal-FEG, u wara li qieset l-għadd ta' benefiċjarji fil-mira, l-azzjonijiet proposti u l-ispejjeż stmati, il-Kummissjoni qed tipproponi li l-FEG jiġi mmobilizzat għall-ammont ta' EUR 5 146 800, li jirrappreżenta 60 % tal-ispejjeż totali tal-azzjonijiet proposti, biex tingħata kontribuzzjoni finanzjarja għall-applikazzjoni.
43. Id-deċiżjoni proposta biex jiġi mmobilizzat l-FEG se tittieħed b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, kif stabbilit fil-punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba¹³.

Atti relatati

44. Filwaqt li tippreżenta din il-proposta għal deċiżjoni biex jiġi mmobilizzat l-FEG, il-Kummissjoni se tippreżenta proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għal trasferiment tal-ammont ta' EUR 5 146 800 fl-intestatura baġitarja rilevanti.
45. Filwaqt li tadotta din il-proposta għal deċiżjoni biex jiġi mmobilizzat l-FEG, il-Kummissjoni se tadotta deċiżjoni dwar kontribuzzjoni finanzjarja permezz ta' att ta' implimentazzjoni, li se tidħol fis-seħħ fid-data li fiha l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jadottaw id-deċiżjoni proposta biex jiġi mmobilizzat l-FEG.

¹² ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.

¹³ ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni
(applikazzjoni minn Franza – EGF/2015/010 FR/MoryGlobal)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006¹⁴, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(4) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba¹⁵, u b'mod partikolari l-punt 13 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (il-FEG) għandu l-għan li jipprovi appoġġ lill-ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja u lill-persuni li jaħdmu għal rashom u li l-attività tagħhom tkun intemmet minħabba bidliet strutturali ewlenin fix-xejriet tal-kummerċ dinji kkawżati mill-globalizzazzjoni, jew minħabba l-issoktar tal-kriżi finanzjarja u ekonomika dinjija, jew minħabba kriżi ekonomika u finanzjarja globali ġdida, u biex jgħinhom biex jintegraw mill-ġdid fis-suq tax-xogħol.
- (2) Il-FEG ma għandux jaqbeż l-ammont annwali massimu ta' EUR 150 miljun (prezzijiet tal-2011), kif stabbilit fl-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013¹⁶.
- (3) Fid-19 ta' Novembru 2015, Franza ressqet l-applikazzjoni EGF/2015/010 FR/MoryGlobal għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, wara li ngħataw xi sensji mill-MoryGlobal SAS fi Franza. Din kienet issupplimentata b'informazzjoni addizzjonali pprovduta skont l-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013. Din l-applikazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti għad-determinazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG kif stabbilit fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013.
- (4) Għaldaqstant, l-FEG għandu jiġi mmobilizzat biex tingħata kontribuzzjoni finanzjarja li tammonta għal EUR 5 146 800 għall-applikazzjoni ppreżentata minn Franza.
- (5) Biex jitnaqqas kemm jista' jkun iż-żmien biex jiġi mmobilizzat l-FEG, din id-Deċiżjoni għandha tapplika mid-data tal-adozzjoni tagħha,

¹⁴ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 855.

¹⁵ ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

¹⁶ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884).

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2016, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għandu jiġi mmobilizzat biex jagħti s-somma ta' EUR 5 146 800 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Din tapplika minn *[the date of its adoption]**.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

* *Date to be inserted by the Parliament before the publication in OJ.*